# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 11**

**Rikors numru 359/2017 LM**

**Silvan Farrugia**

**v.**

**Carmelo Gatt**
**GasanMamo Insurance Limited (C 3143)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-appell ta' Silvan Farrugia tal-11 ta' Frar 2020 mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta' Jannar 2020 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu llikwidat id-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' tlieta u disghin elf, mija u wiehed u disghin Ewro u erbgha u disghin

centezmu (€93,191.94) u minflok tillikwida d-danni sofferti minnu b'konsegwenza tal-incident tat-30 ta' April 2015 f'somma akbar rapprezentanti danni damnum emergens u danni lucrum cessans kif ukoll danni morali u mhux patrimonjali u tikkundanna lill-appellati in solidum bejniethom jhallsuh dina s-somma akbar bhala danni, filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija taghha, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-appellati;

2. Rat ir-risposta tal-appell ta' Carmelo Gatt u GasanMamo Insurance Limited tat-3 ta' Marzu 2020 permezz ta' liema issottomettew illi l-appell odjern huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud filwaqt illi s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez kontra l-appellant;

3. Rat l-atti kollha tal-kawza;

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta' Jannar 2020 fejn gie deciz hekk:

> "Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:
>
> "1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;
>
> "2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut Carmelo Gatt huwa responsabbli għall-inċident li seħħ fit-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fi Triq Ħal Far, Birżebbugia, u għad-danni kollha sofferti mill-attur konsegwenza ta' dan l-inċident;

> “3. Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta GasanMamo Insurance Limited hija responsabbli in solidum mal-konvenut Carmelo Gatt versu l-attur għad-danni kollha sofferti mill-attur konsegwenza tal-istess inċident ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> “4. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b’konsegwenza tal-istess inċident bħala damnum emergens u lucrum cessans fis-somma ta’ tlieta u disgħin elf, mija u wieħed u disgħin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€93,191.94).
>
> “Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti.”

**Ikkonsidrat**

5. Illi dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili wara azzjoni intavolata mill-appellant ghar-rizarciment tad-danni delittwali allegatament subiti minnu b’konsegwenza tal-incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta’ April 2015, meta huwa kien qieghed isuq rota filwaqt illi l-appellat Gatt kien qieghed isuq vettura illi qasmet ghal gol-karreggjata tal-appellant u geghlitu jiehu *brake* ta’ emergenza b’konsegwenza ta’ liema huwa gie mtajjar minn fuq ir-rota u sofra diversi griehi ta’ natura gravi u b’komplikazzjonijiet permanenti. Illi l-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-appellat Carmelo Gatt kien unikament responsabbli ghas-sinistru in kwistjoni m’hijiex qed tigi opposta mill-partijiet, u dan l-appell jirrelata unikament l-*quantum* tad-danni likwidati mill-Ewwel Qorti, illi skont l-appellant huwa baxx wisq.

**Damnum Emergens**

6. Illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellant isostni illi skont il-preponderanza tal-gurisprudenza tal-qrati it-telf ta' salarju meta l-vittma ma setghetx tmur ghax-xoghol konsegwenza tal-incident ghandu jigi kkomputat fuq il-qliegh *gross* u mhux fuq dak *net* u lanqas ma ghandhom jitnaqqsu l-beneficcji tal-mard li jkunu gew percepiti mill-vittma minhabba l-kontribuzzjonijiet ta' sigurta` socjali li jkun hallas il-vittma matul is-snin. Skont hu ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tnaqqas is-somma ta' €7,118.44 mill-ammont ta' €15,645.23 illi huwa tilef matul il-perjodu li ma setax imur ghax-xoghol b'konsegwenza tal-incident in kwistjoni, u li mehud kont ukoll tas-somma ta' €10,750 rapprezentanti trattamenti dentali li l-appellati ghandhom jigu ordnati li jhallsu, is-somma totali ta' *damnum emergens* ghandha tkun ta' €38,642.35.

7. Fir-rigward tat-tnaqqis li sar mill-Ewwel Qorti rapprezentanti l-beneficcju tal-mard li huwa rcieva minghand l-Istat, huwa jissottometti illi din il-konsiderazzjoni setghet kienet gustifikata li kieku l-Istat hallas parti mid-danni attwali u gie surrogat fid-drittijiet tal-appellant kontra l-appellati, izda dan mhux il-kaz. Huwa jargumenta illi l-beneficcju tal-mard thallas lilu mill-Istat a bazi tal-kontribuzzjonijiet imhallsa minnu matul is-snin, u m'huwiex il-kaz illi l-appellati ser jigu mgieghla jhallsu darbtejn billi issa jhallsu lill-appellant imbaghad jigu rikjesti illi jirrifondu lill-Istat dawk il-beneficcji mhallsa minnu lill-appellant. Minghajr pregudizzju ghal dan huwa jsostni illi l-beneficcju tal-mard percepit minnu ma kienx ta'

€4,731.44 kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti izda ta’ €735.56, ghaliex mahdum b’rata ta’ €19.88 fil-gimgha.

8. L-appellant jilmenta wkoll illi a kuntrarju ta’ dak konkluz mill-Ewwel Qorti, mir-rapport ta’ Dr. David Mifsud jirrizulta illi huwa m’ghandux bzonn jaghmel biss *root canal treatment*, bi spiza ta’ €1,500, izda wkoll *fixed reconstruction using dental implants* u *bone grafting* bi spiza li taf tlahhaq l-€10,000. Huwa jargumenta illi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonsidrat illi l-appellati m’ghandhomx jaghmlu tajjeb ghal dawn l-ispejjez ghaliex m’humiex spejjez attwalment inkorsi, ghaliex il-gurisprudenza tammetti illi spejjez ghall-trattament mediku jew assistenza medika futuri jistghu jigu reklamati taht il-kap ta’ danni *damnum emergens* minkejja li l-ispiza tkun ghadha ma gietx zbursata mill-vittma. Huwa joggezzjona wkoll ghall-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti illi mill-provi ma jirrizultax illi dan it-trattament huwa mehtieg, peress illi skont hu l-htiega ta’ dan it-trattament tirrizulta mir-rapport mediku ta’ Dr. David Mifsud li gie kkonfermat bil-gurament tieghu u jikkostitwixxi prova cara tal-htiega ta’ dan it-trattament li ma giet bl-ebda mod kontestata mill-appellati. L-appellant jilmenta wkoll dwar il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti illi ma ngabet l-ebda prova li l-appellant bilfors irid jaghmel dan it-trattament fi klinika privata u jargumenta illi l-ewwel nett l-appellati ma gabu l-ebda prova illi t-trattament illi ghandu bzonn hu huwa offrut fi sptarijiet jew centri tas-sahha pubblici u minghajr pregudizzju ghal dan illi m’huwiex gust illi jkun

l-Istat u konsegwentement it-*taxpayer* illi jaghmel tajjeb ghall-hsara kkagunata mill-appellat Carmelo Gatt u wkoll illi skont il-gurisprudenza l-vittma ghandu d-dritt illi jiehu l-kura mehtiega ghand dawk it-tobba, klinici jew sptarijiet li fihom ghandu l-aktar fiducja u m'huwiex obbligat illi jiehu l-kura minghand dawk pubblici. Huwa jsostni ghalhekk illi l-appellati ghandhom jigu ordnati jhallsu s-somma ta' €10,750 ghat-trattamenti dentali li huwa jehtieg.

9. Illi l-appellati jirribattu illi hija prassi adoperata mill-Qrati illi d-damnum emergens jinhadem a bazi tal-qliegh net tad-dannegjat, u dan mhux biex jinghata xi vantagg lil dannegjant izda sabiex il-Qorti tkun gusta mal-partijiet kollha.

10. Rigward ir-rata ta' €19.88 rapprezentanti l-beneficcju tal-mard percepit mill-appellant isostnu illi din is-somma kienet tigi percepita kull jum u mhux kull gimgha, kif jista' jigi kkonfermat mis-sit elettroniku tas-Sigurta` Socjali u ghalhekk il-kalkolu maghmul mill-Ewwel Qorti huwa korrett. Rigward l-ispejjez assocjati mar-*root canal treatment* isostnu illi d-dokument prezentat mill-appellant kien biss kwotazzjoni u mhux ricevuta ta' spejjez attwalment inkorsi u ghalhekk il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti hija gusta. Skont huma ikun forma ta' *unjustified enrichment* li kieku l-appellant jinghata din is-somma a bazi biss ta' stima ghaliex ma jkunx minnu illi nkorra dawn l-ispejjez. Jargumentaw ukoll illi d-dizabilita` in

konnessjoni mad-danni sofferti f'halq l-appellant kienet diga` giet ikkonsidrata fil-*weighted average* ta' dizabilita` permanenti taht il-kap tad-danni *lucrum cessans* u ghalhekk dan l-ammont m'huwiex dovut.

11. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward tad-*damnum emergens* subit mill-appellant:

> "L-attur ressaq diversi provi in sostenn tat-talbiet tiegħu għal-likwidazzjoni tad-danni materjali sofferti minnu. L-ewwel komputazzjoni li ser tagħmel il-Qorti hija fir-rigward tat-telf tas-salarju tal-attur għall-perijodu kollu meta ma setax imur xogħol, għal total ta' tliet mija u sebgħa u tletin (337) jum. Mill-provi jirriżulta li fis-sena 2014, is-sena ta' qabel dik meta seħħ l-inċident, l-attur kellu salarju gross ta' €16,949. Dan ifisser li fuq perijodu ta' tmienja u erbgħin (48) ġimgħa, li huwa t-tul ta' żmien meta l-attur ma setax jidħol xogħol, kien hemm telf ta' salarju fis-somma ta' €15,645.23 (gross), li minnhom trid titnaqqas it-taxxa u l-kontribuzzjonijiet soċjali li kien ser iħallas l-attur li kieku baqa' jaħdem b'mod regolari, kif ukoll il-ħlas tal-benefiċċju tal-mard li ngħata l-attur fil-perijodu bejn is-7 ta' Mejju, 2015 u l-31 ta' Diċembru, 2015, li jammontaw għal €4,731.44, sabiex b'hekk €15,645.23 - €1,166 - €1,221 - €4,731.44 iwasslu għas-somma ta' €8,526.79, li huwa t-total ta' salarju li tilef l-attur tul il-perijodu meta ma setax imur ix-xogħol.
>
> "L-attur ippreżenta rċevuti u dokumenti bħala prova li wara l-inċident huwa kellu jibdel il-vettura li kien isuq qabel għal waħda awtomatika , liema vettura nxtrat bil-prezz gross ta' sebat elef Euro (€7,000), u l-attur xehed ukoll li wara l-inċident kellu jbiddel il-bieb tal-garaxx u jagħmel wieħed b'shutter awtomatiku, bi spiża addizzjonali ta' €1,803.53 L-attur xehed li apparti l-prezz ta' sebat elef Euro (€7,000) li ħallas għax-xiri tal-vettura awtomatika, għamel ukoll part-exchange mal-vettura li kellu, sabiex b'hekk il-prezz totali tal-vettura mixtrija mill-attur kien ta' tmint elef u ħames mitt Euro (€8,500). Iżda fin-nuqqas ta' prova f'dan ir-rigward, il-Qorti sejra tieħu l-prezz ta' sebat elef Euro (€7,000) indikat fid-dokument esebit mill-attur bħala parti mid-damnum emergens subiti mill-attur.
>
> "L-attur ippreżenta wkoll għadd ta' rċevuti b'rabta ma' visti mediċi, xiri ta' mediċini, ħlas għal sessjonijiet ta' fiżjoterapija, u spejjeż addizzjonali oħra li l-attur kellu jagħmel b'rabta mal-imsemmi inċident. L-irċevuti ppreżentati huma ta' €50 lill-klinika ta' Dr Jason

Bonnici; €65 u €20 ukoll lill-klinika ta' Dr Jason Bonnici; €60 lil Saint James Hospital; €200 lil ESS Trading, flimkien ma' €12 u €1058; €15 lill-Isptar Mater Dei; €11.50 lil KNPD ; €4 u €10 lil Inspire; €60 lil Saint James Hospital; €45 għal ħlas ta' sessjoni ta' fiżjoterapija; €40, €25, €60 u €30 lil diversi tobba ; €65 total ta' irċevuti maħruġin minn tobba varji; €115 total ta' irċevuti maħruġin minn tobba varji; €70 total ta' irċevuti maħruġin minn tobba varji; €60 total ta' irċevuti maħruġa minn tobba varji; €88 u €175 irċevuti maħruġin minn tobba varji; €65.59 għax-xiri ta' diversi mediċini minn spiżeriji varji; €66.86 għax-xiri ta' diversi mediċini minn spiżeriji varji; €88.52 irċevuti għax-xiri ta' diversi mediċini minn diversi spiżeriji; €107.19 għax-xiri ta' diversi mediċini minn diversi spiżeriji; €49.46 għax-xiri ta' diversi mediċini minn diversi spiżeriji; €29.90 għax-xiri ta' parts għat-tiswija tar-rota u €29.90 oħra ukoll għal tibdil ta' parts mir-rota; €297.50 għax-xiri ta' diversi oġġetti minn diversi ħwienet assoċjati maċ-ċikliżmu; u €310.70 għax-xiri ta' diversi oġġetti marbuta malisport taċ-ċikliżmu. L-attur ippreżenta wkoll irċevuti għal spejjeż li inkorra b'rabta mar-rapport ta' Mr Massimo Abela, fis-somma ta' €300; €115 għal konsulta li għamel fil-Beta Pharmacy f'Ħal Għaxaq ma' Dr Anthony Dimech; €200 għar-rapport mediku ta' Dr Anthony Galea Debono; €71 għal konsulta fil-klinika Da Vinci Health; €60 għar-rapport redatt mill-espert dentali minn Dr David Mifsud; €162.50 għal diversi spejjeż mediċi; u €199.50 għal ritratti li ttieħdu mis-scene of crime officers li ġew ippreżentati fl-atti ta' din il-kawża.

"B'riferiment anki għall-fatti u d-dettalji kif esposti fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-konvenuti, il-komputazzjoni tal-Qorti fir-rigward tal-irċevuti esebiti mill-attur hija għall-ħlas ta' €1,803 għall-installazzjoni ta' shutter, €7,000 għax-xiri tal-vettura, €199.50 bħala ħlas għar-ritratti li ttieħdu mis-scene of crime officers, €1,043 spejjeż tat-tobba u l-fiżjoterapisti, €746 ħlasijiet għal rapporti mediċi, €787.62 ħlas għall-mediċini u oġġetti oħra li kellu bżonn l-attur fosthom ħlas lill-KNPD u servizzi relatati, u €668 spejjeż tar-rota, għal total ta' €12,247.12.

"L-attur ippreżenta wkoll rapport imħejji mill-kirurgu dentali Dr David Mifsud li qal li sabiex l-attur jagħmel ir-root canal treatment li għandu bżonn, l-ispiża taf tlaħħaq l-għaxart elef Euro (€10,000). Il-Qorti iżda qieset li din mhix spiża li attwalment inkorra l-attur u f'kull każ ma nġabet ebda prova li dan it-trattament huwa meħtieġ jew li l-attur bilfors irid jagħmlu fi klinika privata bl-ispiża kif kkwotata.

"In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti qiegħda tistabbilixxi li l-ammont ta' danni materjali li għandhom jitħallsu lill-attur għandu jkun flammont ta' għoxrin elf, seba' mija u tlieta u sebgħin Euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€20,773.91)."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

12. Illi fir-rigward tat-telf ta' qliegh soffert mill-appellant waqt illi ma setax jahdem minhabba l-incident in kwistjoni, il-Qorti taghmel distinzjoni bejn telf attwalment imgarrab u stabbilit u ghalhekk kalkolabbli facilment u dak futur li mhux daqshekk kalkolabbli b'mod facli u cert. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti fejn ikkalkolat il-perjodu ta' xoghol li l-appellant tilef (337 jum) u minnhom naqqset it-taxxa li l-appellant ma hallasx u ghalhekk ma tilifx. Pero` ma tqisx li jkun gust li titnaqqas ukoll il-kontribuzzjoni tas-sigurta` socjali billi din taffettwa beneficcji ohra bhall-pensjoni u l-attur ghandu obbligu u interess jhallasha anki jekk ma hadimx.

13. Illi fir-rigward tat-tnaqqis illi sar mill-Ewwel Qorti ghall-beneficcju socjali li kien gie percepit mill-appellant waqt illi ma kienx qieghed jahdem, din il-Qorti taqbel ukoll mall-appellant illi dan it-tnaqqis ma kellux issir. Kwalunkwe ammont illi l-appellant ircieva minghand l-Istat bhala beneficcju socjali minhabba l-incident in kwistjoni ma jnaqqas xejn mill-obbligu tal-dannegjant illi jaghmel tajjeb ghall-hsara kkawzata minnu. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Carmena Fenech et v. Chairman tal-Malta Drydocks noe** (PA, 10/10/2008)

> "Dak li jghodd huwa li l-konvenut nomine kien il-persuna obbligata ghar-rizarciment tad-danni li tnisslet mid-decess tal-kongunt taghhom. Kull dhul iehor ta' kumpens minn sorsi ohra ghandu ghal

> finijiet tar-rapport bejn id-defunt u t-Tarzna jitqies res inter alios acta."[1]

14. Illi fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex taghmel tnaqqis ta' €7,118.44, u li ghalhekk l-ammont li ghandu jigi mhallas mill-appellati lill-appellant bhala telf ta' paga taht il-kap ta' *damnum emergens* ghas-salarju li l-appellant tilef meta ma setax imur ghax-xoghol huwa fis-somma ta' €15.645.23 - €1,166 (hlas ta' taxxa) cioe` €15,579.23.

15. Illi rigward l-ispejjez relatati ma' interventi dentali illi l-appellant jargumenta li ser ikollu bzonn jaghmel, il-parti relevanti tar-rapport tad-dentist Dr. David Mifsud taqra hekk:

> "It is also very likely that the patient will suffer from further complications along the years, including loss of vitality to one or more of the lower anterior teeth (43-44) since they are in the vicinity of the anterior midline fracture (see CT scan images attached).
>
> "This will require a root canal treatment which amounts to EUR 250 per tooth (i.e. EUR 1500 in total) and a fixed reconstruction using dental implants and bone grafting amounting to between EUR 8500 and EUR 10,000, as a result of the teeth losing their stability and requiring extraction" (fol. 281)."

16. Illi ghalhekk huwa car illi l-bzonn tal-appellant illi jirrikorri ghall-proceduri dentali msemmija u l-estent tan-nefqa huwa ferm incert. Dan ikkonsidrat il-fatt illi mhux biss m'hemmx certezza jekk l-appellant huwiex ser ikollu l-komplikazzjonijiet indikati mid-dentist u konsegwentement il-

---

[1] Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Dicembru 2010. Ara wkoll; **Nazzareno Seguna et v. Direttur Generali tad-Dipartiment tax-Xogholijiet** (PA, 01/02/2005); **Laura Formosa et v. Emanten Spiteri et** (Appell, 28/11/2008); **Michael Borg v. Untours Insurance Agents Ltd noe** (PA, 30/05/2013).

bzonn illi jirrikorri ghall-interventi ndikati izda, aktar importanti, lanqas jista' jigi prevedut jekk l-appellant huwiex ser ikollu bzonn intervent fuq sinna wahda jew aktar minn wahda, li jaghmel differenza sostanzjali fil-*quantum* tan-nefqa. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis illi din il-parti tal-aggravju tal-appellant m'ghandiex tigi milqugha.

***Lucrum Cessans*: qliegh tal-appellant**

17. Illi l-appellant isostni illi l-ammont ta' danni *lucrum cessans* likwidat mill-Ewwel Qorti huwa baxx wisq ghaliex anke mad-daqqa t'ghajn, is-somma ta' €72,418.03 zgur li ma tirrapprezentax kumpens adegwat ghall-konsegwenzi serjissimi li sofra l-attur. Huwa jsostni illi l-kumputazzjoni tad-danni ma kelliex tkun a bazi tal-qliegh net tieghu izda dak gross ghaliex l-emenda proposta bl-Abbozz ta' Ligi 78 tal-2011 kienet giet skartata u ghalhekk huwa evidenti li l-legislatur dehrlu illi ma kellux ghalfejn jibdel il-principju kristallizzat fil-gurisprudenza illi l-kwantifikazzjoni tad-danni *lucrum cessans* issir a bazi tal-qliegh gross. Huwa jilmenta wkoll mill-fatt illi meta l-Ewwel Qorti aggustat id-dhul nett tal-appellant a bazi tal-gholi tal-hajja ghall-perjodu tal-multiplier b'rata ta' inflazzjoni ta' 0.96% naqset milli wkoll tiehu kont, bhal ma jsir fil-gurisprudenza, taz-zieda potenzjali fid-dhul tal-vittma matul iz-zmien tal-multiplier. Skont l-appellant huwa cert illi hu kien ser ikollu zidiet potenzjali fid-dhul tieghu u li kien ser javvanza maz-zmien fil-karriera tieghu bhala

*dental technician* mal-*employer* ezistenti jew b'mod iehor u li ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tiehu dan in konsiderazzjoni meta kienet qed tikkwantifika d-danni. Huwa jaccenna ghall-fatt illi mid-dokumentazzjoni prodotti jirrizulta illi mis-sena 2013 ghas-sena 2014 il-paga tieghu kienet zdiedet b'€2,492, u li inoltre fis-sena 2013 huwa kien qala' *income* totali ta' €18,738 bis-sahha ta' *overtime* illi llum il-gurnata ma jistax jaghmel minhabba illi sahhtu ma taghtihx. Skont l-appellant ghalhekk il-kwantifikazzjoni tad-danni *lucrum cessans* m'ghandhiex tkun anqas mis-somma ta' €26,000 fis-sena.

18. Illi l-appellati wiegbu illi l-mod kif l-Ewwel Qorti hadmet ic-cifra f'dan ir-rigward b'mod gust u m'hemm l-ebda raguni ghalfejn din il-Qorti ghandha tiddipartixxi minn dak konkluz mill-Ewwel Qorti ghaliex il-kalkolu fuq il-qliegh nett hi ormai prassi tal-qrati.

19. Illi l-Ewwel Qorti ikkonsidrat hekk fuq dan il-punt:

> "Jirriżulta mid-dokumenti esebiti in atti, li fis-sena 2014, li hija s-sena ta' qabel dik meta l-attur kellu l-inċident, l-attur kellu dħul gross ta' €16,949 li minnu trid titnaqqas it-taxxa (€1,021) u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali (€1,323.36), sabiex b'hekk id-dħul annwali nett tal-attur kien ta' €14,604.64. Dan id-dħul irid jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-multiplier, sabiex b'hekk id-dħul annwali bażiku li ser tkun qiegħda taħdem il-komputazzjoni tagħha l-Qorti huwa ta' €14,604.64 + €18,109.75 / 2 = €16,357.20."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

20. Illi f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel id-distinzjoni ta' certezza o meno li saret fil-paragrafu 12 rigward il-mod kif jigi komputat id-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans.* Fir-rigward tal-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* il-linja tal-hsieb ta' din il-Qorti hija illi din il-komputazzjoni ssir a bazi tal-paga gross mehud in konsiderazzjoni l-probabilita` kbira illi d-dannegjat jircievi zidiet fis-salarju tieghu fis-snin futuri kif ukoll l-incertezza li tigi kalkolata t-taxxa fuq qliegh li mhux daqstant facilment accertabbli bi precizjoni.

21. Illi f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Carmela Muscat pen v. Francis Schembri et.** (PA, 27/01/1972) fejn il-Qorti osservat li ghandha biss il-kompitu li tillikwida d-danni ghat-telf ta' qliegh futur u mhux

> "…taghmilha ta' speci ta' tax collector bir-rizultat li tiffavorixxi d-debitur tad-danni u taggrava lid-danneggata, in kwantu l-ewwel wiehed jigi jhallas inqas milli ghandu proprjament jigi likwidat u t-tieni wiehed, ghall-bzonn, ikun irid jerga' jaraha mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, bil-possibilita li jkun gie qiesu hallas it-taxxa darbtejn, darba lid-debitur u darba ohra, fuq is-somma gia minorata, lill-Gvern. Fi kwalunkwe kaz l-income tax ghandha tithallas lill-Gvern u mhux lid-debituri ta' obbligazzjonijiet civili u l-kalkolu taghha jista' jiddependi fuq diversi cirkostanzi, fir-rapport intern bejn il-Gvern u d-danneggat, li l-Qorti ma tkunx taf xejn fuqhom u ghalhekk il-Qorti lanqas ma ghandha biss tesprimi opinjoni, fuq haga li mhix ta' kompetenza taghha."

In oltre kif intqal fil-kawza **George Borg et v. Anthony Borg et** (App 20/10/2008):

> "Barra minhekk, il-fatt li l-Ewwel Qorti ma ghamlet ebda tnaqqis minhabba t-taxxa tad-dhul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali

> ma ghandu jimpingi bl-ebda mod fuq il-kwantifikazzjoni tal-qliegh futur tad-danneggjat u dana billi huwa principju ormaj generalment accettat li huwa l-gross salary li huwa relevanti biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni kemm huwa dovut lid-danneggjat jekk dan jipprova l-kaz tieghu."

22. Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti kellha taghmel il-kalkolu taghha a bazi tal-paga gross tal-appellant, minghajr ma taghmel l-ebda deduzzjonijiet minhabba hlas ta' taxxa jew kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali, tenut kont illi l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda aggustamenti sabiex jittiehdu in konsiderazzjoni probabbli zidiet futuri fil-qliegh tal-appellant. Illi l-Qorti pero` ma taqbilx mal-appellant illi l-qliegh *lucrum cessans* m'ghandux jigi kwantifikat f'ammont anqas minn €26,000. Illi din il-Qorti ma tistax tibbaza l-kalkolu taghha fuq il-fatt illi darba wahda l-paga tal-appellant kienet zdiedet b'€2,492 f'sena, ghaliex m'huwiex realistiku illi l-appellant kien ser ikompli jircievi zieda fil-paga ta' dak it-tip kull sena. Illi fil-fatt, iz-zieda fil-paga tal-appellant bejn is-sena 2012 u 2013 kienet biss ta' €1. Apparti minn hekk, ma jirrizultax illi l-appellant kien jaghmel *overtime* kull sena b'mod regolari ikkonsidrat illi mill-FS3's illi pprezenta li jkopru perjodu ta' tliet snin jidher illi l-appellant hadem *overtime* f'sena minnhom biss. Illi pero`, il-Qorti tqis illi minkejja dan il-kalkolu ghandu jiehu in konsiderazzjoni il-probabilita` ta' *overtime* mahdum mill-appellant, liema *overtime* huwa issa prekluz li jaghmel minhabba l-kondizzjoni tieghu, ghaliex fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja ma jistax jigi eskluz illi l-appellant kien ser jerga' jaghmel *overtime* drabi ohra

f'hajtu. Illi ghalhekk is-somma ta' *lucrum cessans* ghandha mhux biss tigi aggustata a bazi tal-gholi tal-hajja matul il-perjodu tal-*multiplier* izda wkoll sabiex tiehu in konsiderazzjoni zidiet fil-paga li l-appellant kien jircievi matul l-istess zmien. Ghalhekk il-Qorti meta tqis illi fis-sena qabel l-incident l-appellant kellu qliegh gross ta' circa €17,000 il-qliegh *lucrum cessans* tal-appellant ghandu jkun fl-ammont ta' €20,000 fis-sena.

***Lucrum Cessans*: percentwali ta' debilita` permanenti**

23. Illi l-appellant jaqbel illi huwa minnu illi f'cirkostanzi bhal dawk tal-kaz in ezami fejn ikun hemm hafna dizabilitajiet permanenti ta' natura differenti skont il-gurisprudenza il-persentagg ta' debilita permanenti m'ghandhux ikun it-total tal-persentaggi kollha izda ghandu jkun *weighted* average tad-dizabilitajiet permanenti kollha. Huwa ma jaqbilx pero` mal-konkluzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti illi dan il-*weighted average* huwa ta' 65%, u jghid illi l-Ewwel Qorti kellha tasal ghad-determinazzjoni tal-*weighted average* billi tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-effett tal-konsegwenzi tas-sinistru fuq il-persuna shiha tal-appellant fl-ambitu bijologiku shih tal-persuna, mhux biss in relazzjoni mal-effetti illi din id-dizabilita permanenti ser ikollha fuq il-qliegh futur tal-vittma, u jzid illi partikolarment id-dizabilita` permanenti ta' 25% inkorsa minnu tincidi hafna fuq il-kapacita ta' qliegh tieghu u fuq l-abbilita` illi jaqleb ghal xoghol aktar lukrattiv u li konsegwentement ghandha effett qawwi fuq il-qliegh

futur tieghu. Huwa jikkontendi ghalhekk illi l-percentwali ta' dizabbilita` ghandha tkun ta' mhux anqas minn 85%, ikkonsidrat l-estent tal-griehi permanenti li l-appellant garrab kwazi f'kull parti ta' gismu u anke l-aspett psikjatriku b'konsegwenza ta' dan l-incident u l-effett ta' dan kollu fuqu.

24. Illi l-appellati jirribattu illi l-percentwali ta' 85% raggunt mill-appellant huwa kompletament ezagerat ikkonsidrat illi l-espert mediku *ex parte* Dr. Anthony Galea Debono ikkonkluda fir-rapport tieghu mmarkat bhala Dok AGD illi "*a complete paraplegia is estimated as 70% permanent disability*" u l-appellant b'xorti tajba m'huwiex ibati minn *complete paraplegia* u cioe` *a complete loss of motor function*. Huma jsostnu illi minkejja li l-appellant sofra inkapacita` purament medika f'percentwali ikbar, l-effetti ta' tali inkapacita` ma halliex effetti daqstant negattivi fuq il-qliegh u/jew il-hidma tal-istess appellanti kkonsidrat illi huwa ghadu fl-istess impjieg li kellu qabel ma sehh l-incident kif jirrizulta mix-xhieda tal-appellant in kontro-ezami tal-25 ta' Frar 2019.

25. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Fil-każ odjern ġie stabbilit li l-attur qiegħed isofri minn diversi debilitajiet ilkoll ta' natura permanenti, b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni. Il-Qorti ħatret l-esperti mediċi ġudizzjarji li waslu għall-konklużjonijiet tagħhom, filwaqt li anki l-attur ippreżenta diversi rapporti ta' esperti mediċi ex parte li lkoll spjegaw kif il-konsegwenzi ta' dan l-inċident ħallew lill-attur isofri minn diversi debilitajiet permanenti. L-espert mediku ex parte Mr Massimo Abela kkonkluda li mil-lat ortopediku l-attur ser jibqa' jsofri minn diżabilità permanenti ta' 25%. Dr Anthony Dimech ikkonkluda li l-attur ser jibqa' jsofri minn debilità

permanenti fil-grad ta' 25% mil-lat psikjatriku. In-neurologi Dr Anthony Galea Debono u Dr. Josanne Aquilina, it-tnejn qablu li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur mil-lat neuroloġiku hija ta' 55%, Dr David Mifsud qal li mil-lat dentali l-attur ser jibqa' jsofri minn debilità ta' 2%, filwaqt li Mr Simon Degabriele, li nħatar bħala espert mill-Qorti, wasal għall-konklużjoni li mil-lat estetiku l-attur ser jibqa' jsofri minn debilità permanenti ta' 5%.

"F'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Brian Micallef vs. Brian Tyre Services et, (31/01/2014) fejn persuna ssofri aktar minn debilità waħda konsegwenza ta' inċident li ġġarrab, issemmiet il-ħtieġa li jiġi stabbilit il-weighted average:

"Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala weighted average, fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-weighted average, għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (Cassar Pullicino noe et vs Xuereb et, App. 20.02.2009)."

"F'deċiżjoni fl-ismijiet Ramona Frendo vs Franklin Cachia et, (PA GV 20/04/2009) il-Qorti qalet illi:

"Dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-attur danneġġjat."

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà konvenuta għamlet suġġeriment li l-Qorti għandha tieħu bħala weighted average, rata ta' debilità permanenti li ma tkunx aktar minn 65%. Il-Qorti ser tkun qiegħda tadotta din ir-rata ta' debilità permanenti peress li tqis li dan huwa perċentwal ġust u raġonevoli, tenut kont tal-effetti li l-ħsara li sofra l-attur ser ikollha fuq il-qligħ futur tal-attur."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

26. Illi fir-rigward tal-argument tal-appellati illi l-incident mertu ta' dawn il-proceduri ma kellux effett daqstant negattiv fuq il-hajja lavorattiva tal-appellant, din il-Qorti tibda billi tirrileva illi dan l-argument m'ghandux ghal

kollox mis-sewwa ghaliex mix-xhieda tal-appellant jirrizulta illi ghalkemm huwa ghadu jahdem bhala *dental technician* b'konsegwenza tal-effetti li halla fuqu dan l-incident huwa limitat illi fix-xoghol tieghu jaghmel biss dak li jista' jsir minn bil-qeghda, u wkoll illi ma jkunx jiflah xoghol aktar mis-sighat normali tieghu. Illi ghalhekk huwa car illi d-debilita` fizika li minnha jsofri l-appellant ghandha impatt fuq il-hajja lavorattiva tieghu bhala *dental technician* minkejja l-fatt li ghadu jaghmel dan ix-xoghol. Illi inoltre, fir-rigward ta' dan l-argument il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Falzon et v. Emanuel Schembri et** (PA JRM 30/06/2020):

> "…il-ħsara mġarrba mill-attur trid titqies ukoll mill-aspett ta' nuqqasijiet jew telf ta' opportunitajiet li dik il-ħsara tkun ġabet lill-vittma, kif ingħad aktar qabel. It-tħabrik tal-attur li jgħin lilu nnifsu biex jasal ħalli jkun jista' jaqla' l-għixien tiegħu m'għandux ikun raġuni biex l-imħarrkin jibbenefikaw minn tnaqqis ta' kumpens għall-ħsara li ġarrab, għaliex huwa mistenni li l-parti mġarrba tagħmel l-aħjar li tista' biex tnaqqas l-effetti tad-dannu mġarrab minnha. Dak it-tħabrik juri wkoll li, minkejja dak li għadda minnu l-attur Carl Falzon, kien determinat li jimxi 'l quddiem fil-ħajja fil-qafas tal-limitazzjonijiet fiżiċi u fiżjoloġiċi li l-ġrieħi ġabhulu, u liema sforz jixhed irrieda u l-ħila tiegħu li jilħaq dak li jaspira għalih, u li dak li kien jaspira li jilħaq ma kienx biss il-frott ta' xewqa fiergħa maħluqa biex jipprovoka għoti ta' kumpens akbar;
>
> "Illi l-Qorti, min-naħa l-oħra, tqis ukoll li Falzon għandu jitqies li bid-debilità mġarrba, se jkun xorta waħda jista' jibni karriera u ħajja tax-xogħol li tagħha jingħata l-ħlas mistħoqq."

27. Illi l-Qorti ma taqbilx lanqas pero mal-argument tal-appellant illi fil-komputazzjoni tal-*weighted average* l-Ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni il-konsegwenza tal-incident in kwistjoni fl-ambitu bijologiku shih tal-persuna u mhux biss in relazzjoni mal-effetti illi din id-

dizabilita` permanenti ser ikollha fuq il-qliegh futur tieghu. Illi l-artikolu 1045 tal-Kodici jaghmilha cara illi l-komputazzjoni tad-danni issir a bazi tad-danni patrimonjali soffert minn dik il-persuna, u ghalhekk il-Qorti bilfors trid tallacja l-komputazzjoni tal-*weighted average* mal-impatt illi d-diversi menomazzjonijiet li sofra l-appellant jista' jkollhom fuq il-kapacita lavorattiva u l-qliegh futur tieghu. Fil-fatt hija gurisprudenza kostanti tal-qrati Maltin illi l-percentwali ta' disabilita` li trid tigi stabbilita ma tirriflettix il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku izda fuq l-effett illi din ghandha fuq il-qliegh tad-dannegjat.

28. Fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha ragonevolment u korrettement u ma jidhirx illi hemm lok sabiex il-precentwali ta' dizabilita` ta' 65% stabbilit mill-Ewwel Qorti jinbidel minn din il-Qorti.

**Tnaqqis minhabba l-hlas ta' *Lump Sum Payment***

29. Illi l-appellant jargumenta permezz ta' dan l-aggravju illi skont il-gurisprudenza nostrana prevalenti il-percentwali li ghandha titnaqqas mill-ammont ta' danni *lucrum cessans* ghall-*lump sum payment* tiehu in konsiderazzjoni t-trapass taz-zmien mid-data tal-incident u mhux mid-data tar-rikors guramentat, u ghandu jibqa' jigi hekk ridott sad-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Huwa jsostni ghalhekk illi l-Ewwel Qorti

kienet zbaljata meta kkonkludiet illi m'ghandha ssir l-ebda riduzzjoni mill-percentwali tat-tnaqqis minhabba l-hlas ta' *lump sum payment* u li ghalhekk din il-konkluzjoni ghandha tigi ri-evalwata minn din il-Qorti, specjalment tenut kont illi minkejja l-griehi u l-operazzjonijiet sofferti minnu fil-15 ta' Dicembru 2016 huwa kien diga` intavola ittra ufficjali fejn interpella l-appellati jersqu ghall-hlas tad-danni inkorsi minnu konsegwenza tal-incident u fil-21 ta' April 2017 ipprezenta l-kawza odjerna, filwaqt illi l-appellanti qatt ma ammettew it-tort ghall-incident mertu ta' dawn il-proceduri u ghalhekk zgur li kwalunkwe dewmien ma jistax jigi attribwit lilu.

30. Illi l-appellati jwiegbu illi l-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti rigward dan it-tnaqqis huwa gust peress illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti nghatat f'anqas minn tlett snin wara li giet intavolata l-kawza u ghalhekk l-Ewwel Qorti segwiet prassi accettata meta ma applikatx it-tnaqqis ta' 2%. Argumentaw ukoll illi dan it-tnaqqis huwa fid-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti u galadarba din id-diskrezzjoni ma gietx ezercitata b'mod zbaljat din il-Qorti ma ghandhiex tintervjeni sabiex tvarja l-konkluzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti.

31. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'pagament ta' darba (lump sum

> payment). Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn iddata meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tara li hemm lok għal ebda tnaqqis bħal dan."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

32. Illi l-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin il-percentwali ta' tnaqqis minhabba l-hlas ta' *lump sum payment* jonqos bir-rata ta' 2%. Din ir-riduzzjoni fil-precentwali ta' tnaqqis tibda tiddekorri minn dakinhar li tkun giet intavolata l-kawza sakemm tinghata s-sentenza finali.[2] Illi fil-fatt gie spjegat illi r-raguni ghalfejn issir din ir-riduzzjoni hija sabiex ittaffi l-izvantagg illi jikkawza l-principju ta' *in illiquidis non fit mora*, b'applikazzjoni ta' liema f'kazijiet bhal dawn l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data tal-intavolar tal-azzjoni, u dan kif jinsab rifless fis-sentenza fl-ismijiet **Alexander Gray Bannerman et v. John Camilleri et pro et noe** (Appell, 26/01/2018) fejn gie spjegat illi:

> "…l-qrati għarfu jtaffu xi ftit l-iżvantaġġ u l-inġustizzja illi r-regola in illiquidis toħloq għall-attur billi ma jagħtux awtomatikament it-tnaqqis għall-ħlas antiċipat ta' qligħ tal-ġejjieni iżda jorbtu dak it-tnaqqis maż-żmien li tkun ħadet il-kawża biex tinqata u mat-tul tal-multiplier." §37

33. Illi ghalhekk il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet illi f'dan il-kaz m'hemmx lok ghal riduzzjoni fit-tnaqqis illi

[2] Ara per ezempju **John Muscat v. Camray Limited et** (Appell, 13/07/2020).

ghandu jsir minhabba l-hlas ta' *lump sum payment*. Ikkonsidrat illi mid-data tal-intavolar ta' din il-kawza sad-data tal-ghoti ta' din is-sentenza ser ikunu ghaddew tlett snin, din il-Qorti hija tal-fehma illi t-tnaqqis li ghandu jsir minhabba l-hlas ta' *lump sum payment* huwa ta' 14%.

**Riduzzjonijiet ulterjuri**

34. Illi l-appellant isostni illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tnaqqas mill-ammont ta' danni *lucrum cessans* is-somma ta' €140,225.57 rapprezentanti *disability allowances* li allegatament jista' jircievi l-appellant matul iz-zmien kollu tal-multiplier, u li fil-fatt ma ccitat l-ebda artikolu tal-ligi jew gurisprudenza relevanti sabiex tiggustifika tali tnaqqis. Huwa jargumenta illi l-gurisprudenza taghmilha cara illi mill-ammont ta' danni pagabbli mid-dannegjanti lill-vittma m'ghandhomx jitnaqqsu beneficcji socjali bhala *disability allowances* li jkun ircieva jew jista' jircievi l-vittma. Jghid illi kwalunwke *disability allowance* illi ppercepixxa jew jista' jippercepixxi mill-Istat huma rizultat tal-kontribuzzjonijiet ta' *national security* li hallas huwa stess u ser jibqa' jhallas u huma *res inter alios acta,* totalment indipendenti mill-appellati, u jzid illi b'dan it-tnaqqis il-beneficcju li huwa intitolat ghalih hu ser ikun qed jigi effettivament ricevut mill-appellati illi aghar minn hekk ser ikun qed jibbenefikaw minnhom bhala *lump sum* filwaqt illi huwa jrid jistenna hajtu kollha sabiex jircevihom.

35. Jargumenta illi barra minn hekk l-Ewwel Qorti zgur ma kellhiex tnaqqas dak id-*disability allowance* li huwa ghadu ma ppercepiex peress illi m'hemm l-ebda certezza illi huwa ser ikompli jippercepixxi dawn il-beneficcji tul hajtu. Huwa jsostni li ghandu dritt jircievi l-*lucrum cessans* mill-mument illi s-sentenza issir *res judicata* u mhux jigi kostrett jistenna hajtu kollha sabiex jircievi parti minnu, anke ghaliex dan ikun ifisser illi jkun qieghed jigi mcahhad mid-dritt illi jinvesti din is-somma u jaqla' l-interessi jew qliegh fuqha.

36. Huwa jzid ukoll illi fi kwalunkwe kaz l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta naqqset id-*disability allowance* li l-appellant ircieva jew jista' jircievi wara li wettqet it-tnaqqis ta' *lump sum* u mhux qabel ghaliex ma jistax isir tnaqqis minhabba *lump sum payment* minn ammont illi mhux ser jigi ricevut bhala *lump sum.* Huwa jghid illi, a bazi tas-somom determinati mill-Ewwel Qorti, li kieku t-tnaqqis minhabba *lump sum* sar wara t-tnaqqis tad-*disability allowance* l-ammont ta' *lucrum cessans* kien ikun fis-somma ta' €100,463.14 u mhux €72,418.03.

37. Illi l-appellati jirribattu li d-*disability allowance* illi l-appellant qieghed jircievi hija wahda illi sejjer jibqa' jircievi tul hajtu kollha u m'hijiex wahda potenzjali izda sigura, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Ivan Cilia in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali waqt is-seduta tal-15

ta’ Mejju 2019. Isostnu ghalhekk it-tnaqqis maghmul mill-Ewwel Qorti huwa gust ghaliex huma m’ghandhomx jigu mgieghla jhallsu ammont ta’ dannu ulterjuri la din is-somma ser tkun qed tigi mhallsa minn entita` ohra.

38. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt:

> “Is-salarju medju ta’ €16,357.20 x multiplier ta’ 25, x 65% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta’ €265,804.50 li meta ridotta b’20% (lump sum payment), twassal għas-somma ta’ mitejn u tnax-il elf, sitt mija u tlieta u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€212,643.60). Minn dan l-ammont il-Qorti sejra tnaqqas l-ammont li l-attur qiegħed jipperċepixxi bħala disability allowance b’effett mid-9 ta’ Ġunju, 2018, li għall-perijodu bejn id-9 ta’ Ġunju 2018 u l-4 ta’ Jannar, 2019 kien jammonta għal €103.30 fil-ġimgħa, filwaqt li wara l-5 ta’ Jannar, 2019, dan l-ammont żdied għal €107.97 fil-ġimgħa. Dan ifisser li fuq medda ta’ 25 sena, l-attur ser ikun qiegħed idaħħal disability allowance fis-somma ta’ €140,225.57 (€103.30 x 29 ġimgħa + €107.97 x 23 ġimgħa, u €107.97 għal 52 ġimgħa fuq 24 sena = €140,225.57). Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tistabbilixxi li l-lucrum cessans soffert mill-attur għandu jiġi likwidat fis-somma ta’ tnejn u sebgħin elf, erba’ mija u tmintax-il euro u tliet ċenteżmi (€72,418.03) li għandu jitħallas mill-konvenuti lill-attur in linea ta’ danni għat-telf ta’ qligħ futur.”

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

39. Illi hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet gja maghmula minn fil-paragrafu 13 ta’ din is-sentenza rigward it-tnaqqis ta’ beneficcju socjali jew assistenza socjali ppercepiti mill-appellant, li ghandhom japplikaw ghal dan il-kap ukoll. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex taghmel tnaqqis ta’ €140,225.57 mid-danni li ghandhom jithallsu mill-appellati lill-appellant.

**Danni morali**

40. Illi permezz ta’ dan l-aggravju l-appellant jargumenta illi kkonsidrat il-konsegwenzi daqshekk serji illi l-incident in kwistjoni kellu fuq il-hajja tal-appellant l-Ewwel Qorti kellha ukoll takkorda kap iehor ta’ danni bhala danni morali jew danni mhux patrimonjali. Huwa jsostni illi l-provi fl-atti juru minghajr dubbju illi huwa sofra u qieghed isofri tbatija u sofferenza kbira minhabba l-konsegwenzi tal-incident u dan fil-fatt gie rikonoxxut mill-Ewwel Qorti, u m’hemm l-ebda dubju li dan l-incident, li sehh meta kien ghadu fl-aqwa tieghu u missier ta’ zewgt itfal zghar, biddel il-kwalita` tal-hajja tieghu. Huwa jargumenta illi m’hemm l-ebda impediment legali ghalfejn l-Ewwel Qorti kellha tastjeni milli takkorda danni morali jew mhux patrimonjali kkonsidrat illi l-emenda restrittiva introdotta fl-artikolu 1045 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz tal-Att XIII tal-2018 li teskludi danni morali f’kaz ta’ reati involontarji ma tapplikax ghall-kaz *de quo* peress illi l-incident sehh fis-sena 2015. L-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta’ Dicembru 2015 fl-ismijiet Jane Agius v. L-Avukat Generali et fejn gie stabbilit illi m’hemm xejn xi jxekkel lil qrati civili milli jakkordaw danni morali jew mhux patrimonjali fejn jirrizulta pruvat illi l-vittma veru ghadda minn tbatija u sofferenza ta’ certu gravita`.

41. Illi l-appellati jirribattu illi l-kliem “danni kollha” indikati fir-rikors guramentat tal-appellant bl-ebda mod ma jispecifikaw danni morali, u illi fi kwalunkwe kaz il-ligi Maltija taghmilha car x’tip ta’ danni ghandhom jigi moghtija mill-Qrati, b’referenza ghall-artikolu 1045 tal-Kodici Civili li jeskludi kategorikament danni morali f’kazijiet ta’ reati involontarji. Huma jsostnu illi dan l-incident jaqa’ taht il-kappa ta’ reati involontarji u ghalhekk ma tezisti l-ebda raguni ghalfejn il-Qorti ghandha takkora danni morali lill-appellant.

42. Illi fuq dan il-punt ma saru l-ebda konsiderazzjonijiet mill-Ewwel Qorti, ghalkemm l-appellant kien spjega fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu illi t-talba maghmula fir-rikors guramentat ghal-likwidazzjoni u hlas tad-“danni kollha sofferti minnu konsegwenza tal-incident” kellhom fil-fehma tieghu jinkludu wkoll danni morali jew danni mhux patrimonjali minhabba t-tbatija u sofferenza kbira sofferta minnu stante l-konsegwenzi tal-incident in kwistjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

43. Illi wara illi ezaminat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali citata mill-appellant fl-ismijiet **Jane Agius v. L-Avukat Generali et** il-Qorti taghraf illi l-bran citat mill-appellant ma jistax jigi ezaminat wahdu, izda ghandu

jinqara flimkien mal-paragrafi precedenti fejn il-Qorti kienet stabbiliet illi r-relazzjoni bejn il-vittma u d-dannegjant ma kinitx wahda akwiljana izda wahda kuntrattwali jew mill-anqas *ex lege*.

> "Qabel xejn għandu jingħad illi l-Art. 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili, li fuqhom huwa msejjes l-argument illi ma jingħatawx danni nonpekunjarji taħt il-liġi ordinarja, għax dawk l-artikoli jaħsbu biss għal damnum emergens u lucrum cessans, jinsabu fit-tieni Subsub-titolu (§II) tas-Sub-titolu tnejn (II) tat-Titolu erbgħa (IV) tat-tieni (II) Taqsima tat-tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili: Fuq id-Delitti u Kważi-delitti. Għalhekk jolqtu biss id-danni ex delicto u mhux dawk minn għejjun oħra ta' obbligazzjonijiet.
>
> "Issa fil-każ tallum Carlos Chetcuti kien taħt il-kustodja tad-Direttur tal-Ħabs u għalhekk ir-relazzjoni bejniethom aktar għandha min-natura ta' relazzjoni kuntrattwali jew, għall-inqas, billi ma kinitx kunsenswali, ex lege, milli relazzjoni ex lege aquilia. Għalhekk, is-saħħa tal-argument imsejjes fuq l-Art. 1045 u 1046 jonqos ħafna."

44. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellant illi fil-ligi Maltija m'hemm l-ebda xkiel ghall-ghoti ta' kumpens morali jew mhux patrimonjali. Il-mod ta' kif jitqiesu d-danni huwa espressament regolat permezz tal-artikolu 1045 tal-Kodici Civili u dan l-artikolu, qabel l-emendi tal-2018 kien jaqra hekk:

> "Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."

45. Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti huwa car illi l-Qorti hija prekluza milli takkorda danni morali peress illi l-ligi espressament tipprovdi illi d-danni illi l-Qorti tista' takkorda huwa dak ghat-telf effettiv, l-ispejjez inkorsi

minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor u t-telf ta' qliegh futur. Illi fil-fatt, fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Galea v. Pierre Scicluna** (Appell, 13/04/2007) gie osservat illi:

> "l-liġi tagħna diġa` ma tagħti l-ebda kumpens għad-danni morali f'każijiet bħal dawn u ċioe` ma tagħti l-ebda kumpens għall-uġiegħ u skumditajiet li min isofri debilita` permanenti neċessarjament jgħaddi minnhom. Lanqas tipprospetta kumpens għal dak li jirrigwarda n-nuqqas tal-kwalita` ta' ħajja li min ikollu debilita` permanenti neċessarjament ikollu jgħaddi minnha."[3]

46. Illi dan jinsab ukoll ikkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Jeffrey Saliba v. Richard Attard** (PA, 06/12/2018 appellata) fejn gie deciz illi:

> "Illi skont l-Artikolu 1045, fil-każ ta' dannu fuq il-persuna kkawżat b'negliġenza, dak li jkun ikkawża l-ħsara huwa passibbli biss "għat-telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil jista' jġib". M'hemm l-ebda ambigwita` fit-tifsira ta' dan l-Artiklu: id-dannu jissarraf biss jekk ikun hemm telf ta' qliegħ fil-ġejjieni. Mill-perspettiva purament loġika, dan ifisser li, a contrariu sensu, jekk ma jkunx hemm telf ta' qliegħ, dak li jġarrab il-ħsara fil-persuna tiegħu m'huwa intitolat għal xejn. Jekk l-imġarrab ma jitlef l-ebda salarju; l-ebda promozzjoni fuq il-post tax-xogħol tiegħu; l-ebda opportunita` ta' xogħol iktar rimunerattiv; jekk ma jitlef l-ebda negozju jew opportunita` li jkabbar in-negozju tiegħu, ma jieħu xejn. Dan għaliex l-Artiklu 1045 huwa limitat għal telf pekunjarju. Kull tip ta' telf ieħor – huwa eskluż. Dejjem skont l-istess silloġiżmu, m'għandu jingħata l-ebda kumpens għan-nuqqas ta' tgawdija tal-ħajja li tiġi mill-ħsara fiżika: bħall-fatt li wieħed ma jistax jagħmel attivita` sportiva; jitlef is-sens tas-smiegħ, tax-xamm jew tat-togħma. Lanqas jagħti rimedju għal danni hekk imsejjħa "morali" li ma jikkostitwixxux debilita` bioloġika, bħall-inkonvenjenza, umiljazzjoni, jew injured feelings;"

47. Illi fil-fatt, a kuntrarju tal-argument tal-appellant illi bl-emendi tal-2018 il-possibilita` li jithallsu danni morali jew non-pekunarji giet ristretta

[3] Ara wkoll **Linda Busuttil v. Josie Muscat** (Appell, 27/06/2014); **Mariella Vidal v. Micaela Cassar** (PA, 18/02/2020).

sabiex teskludi reati involontarji, l-emendi tal-2018 wessghu id-danni li jistghu jigu llikwidati mill-qrati f’azzjonijiet ghad-danni akwiljani u mhux irrestringewhom, billi taw lok ghall-possibilita` illi jigu likwidati danni morali jew non-pekunarji fir-rigward ta’ reati volontarji partikolari, u cioe`

> “…delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta’ delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta’ mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi…”[4]

48. Illi l-Qorti tifhem illi l-appellant ghadda u ghadu ghaddej minn tbatija u sofferenza kbira kagun ta’ dan l-incident li kellu effett devastanti fuq kull aspett tal-hajja tal-appellant, u mhux biss fuq l-aspett patrimonjali. Il-Qorti rat illi a kawza ta’ dan l-incident ikkawzat mill-imperizja tal-appellat Gatt il-hajja tal-appellant inbidlet kwazi totalment billi, fost l-ohrajn, gie mcahhad mill-possibilita` li jkompli jgawdi l-passatempi sportivi tieghu, partikolarment is-sewqan tar-rota, u l-passatemp ta’ xoghol ta’ mastrudaxxa, gie mcahhad mill-possibilita li jkollu relazzjonijiet intimi normali minn ta’ eta` zghira u gie mcahhad mill-possibilita` illi jerfa’ lil u jilghab ma’ uliedu bhal kull missier iehor minn meta dawn kienu ghadhom ta’ eta` verament tenera. Ghalkemm l-ebda minn dawn l-aspetti tal-hajja tal-appellant ma ghandhom valur patrimonjali, huwa zgur illi ghandhom valur intrinsiku u imprezzabbli fil-hajja tal-bniedem. Dan apparti t-tbatija li huwa ghadda minnha waqt li kien qieghed jirkupra mill-incident, l-

[4] Ara l-proviso tal-artikolu 1045 (1) tal-Kodici Civili.

interventi medici varji li kellu jissottoponi ruhu ghalihom u l-ugiegh li ghadu jhoss sal-gurnata tal-lum. Izda minkejja kemm din il-Qorti tissimpatizza mal-appellant huwa car illi din it-talba ghall-hlas tad-danni morali jew non-pekunarji ma tistax tigi milqugha. Din il-Qorti ghandha bilfors issegwi id-dettami tal-ligi irrispettivament minn kemm tissimpatizza mal-appellant ghaliex ma tista' qatt tiehu l-funzjoni tal-legislatur u tohloq il-ligi hi jew tinjora l-ligi ezistenti. Ghaldaqstant, dan l-aggravju qieghed jigi michud.

**Likwidazzjoni ta' danni**

49. Illi jonqos ghalhekk illi jerga' jigi kkalkulat l-ammont ta' danni illi ghandhom jithallsu mill-appellati lill-appellant, a bazi tal-konsiderazzjonijiet maghmula f'din is-sentenza.

50. Fir-rigward tad-*damnum emergens,* is-somma ta' €20,773.91 ghandha tizdied bl-ammont ta' €5,952.44 li jirraprezenta kontribuzzjoni ta' sigurta` socjali u beneficcju tal-mard li ma kellux isir mill-Ewwel Qorti. Ghaldaqstant, l-ammont ta' danni materjali soffert mill-appellant qieghed jigi llikwidat fis-somma ta' €26,726.

51. Illi fir-rigward tal-*lucrum cessans,* il-komputazzjoni li ghandha ssir hija s-segwenti:

**Qliegh futur immoltiplikat fuq *multiplier ta'* 25 sena:**

€20,000 x 25 = €500,000

**Aggustat ghal percentwali ta' dizabbilita:**

€500,000 x 65% = €325,000

**Tnaqqis minhabba lump sum payment:**

€325,000 – 14% = **€279,500**.

52. Illi ghaldaqstant il-*lucrum cessans* li ghandu jithallas mill-appellati qieghed jigi llikwidat fl-ammont ta' €279,500.

53. Dan ifisser illi t-total ta' danni li ghandu jithallas mill-appellati huwa fl-ammont ta' €306,226.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-appell billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn id-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident bħala *damnum emergens* u *lucrum cessans* gew likwidati fis-somma ta' tlieta u disgħin elf, mija u wieħed u disgħin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€93,191.94) u minflok

tillikwida d-danni sofferti mill-appellant bhala *damnum emergens* u *lucrum cessans* fis-somma ta' tlett mija u sitt elf u mitejn u sitta u ghoxrin ewro (€306,226), u tikkonfermaha fil-bqija taghha, bl-imghax mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu in kwantu ghal tmenin fil-mija (80%) mill-appellati u ghoxrin fil-mija (20%) mill-appellant, filwaqt illi l-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif decizi mill-Ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr